# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 18 ta' Ottubru 1999**

**Numru**

**Citaz. numru 1940/95 JF**

**Epenhuysen Chemie NV.**
**vs**
**Ronald sive Ronnie URPANI f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc fl-isem id-ditta "Firm Jack H. Serra".**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta' attrici li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvediment opportuni.

Peress illi s-socjeta' attrici bieghet lill-konvenut konsenja merkanzija konsistenti f'erba' mija u ghoxrin (420) xkora ta' hamsin il-kilogramma kull wahda (50kg) ta' kimika "Kilos Ammonium Bicarbonate Edible", ghall-prezz komplessiv fi flus Maltin ekwivalenti ghal hmistax-il elf, seba' mija tnejn u disghin flanders olandizi (Hfl 15,792,00) liema prezz

jinkludi n-noll inkors in konnessjoni mat-trasport tal-istess merkanzija minn Rotterdam, l-Olanda, sal-Belt Valletta, Malta u spejjez ohra relatati, skond fattura numru 76914/0594 in data 23 ta' Mejju 1994 (kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u markata "Dokument 'A');

U premess illi, ghalkemm il-konvenut gie diversi drabi interpellat biex ihallas is-somma dovuta minnu, dan xorta baqa' inadempjenti;

TALBET li dina l-Qorti:

1. Tikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma fi flus Maltin li fid-data tas-sentenza jkunu ekwivalenti ghal hmistax-il elf, seba' mija tnejn u disghin flanders olandizi (Hfl 15,792,00) dovuta mill-konvenut bhala prezz ta' merkanzija konsistenti f'erba' mija u ghoxrin (420) xkora ta' hamsin il-kilogramma kull xkora (50kg) ta' kimika "Kilos Ammonium Bicarbonate Edible", inkluz in-noll inkors in konnessjoni mal-garr ta' l-istess merkanzija u spejjez ohra relatati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mit-23 ta' Mejju, 1994, cioe' d-data tal-fattura numru 76914/0594, sal-jum tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Ronald Urpani proprio et nomine.

Jesponi bir-rispett:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammonium bicarbonate kellu jkun 'freeflowing' u dan kif gie kkonfermat b'telex tal-atturi tas-26 ta' Frar 1993 hawn anness u mmarkat bhala dokument "A".

2. Illi l-ammonium bicarbonate konsenjat fit-23 ta' Marzu 1993 skond invoice numru 73019/303130 ma kienetx tal-kwalita' pattwita stante li ma kienetx 'freeflowing'.

3. Illi dan gie ccertifikat minn analizi maghmula mill-Universita' ta' Malta minn Dottor George Peplow li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata bhala dokument "B".

4. Illi huwa sofra danni minhabba l-fatt illi dan l-ammonium bicarbonate ma kienx 'freeflowing' u ghalhekk kellu jigi distrutt mis-socjeta' konvenuta hlief ghal pallet li nzammet ghall-prova tal-fatti f'dawn il-proceduri.

5. Illi l-konsenja sussegwenti bil-fattura numru 76914/0594 datata 23 ta' Mejju 1994 kienet 'freeflowing' pero' l-konvenut ma hallasx din il-partita minhabba d-danni li sofra fuq il-partita antecedenti.
6. Illi l-konvenut proprio et nomine stante li l-partita tat-23 ta' Marzu 1993 ma kientx 'freeflowing' u ma kienetx ippakkjata skond is-sengha w l-arti sofra danni li huwa responsabbli ghalihom l-attur u ghalhekk huwa m'ghandu jaghti xejn lis-socjeta' attrici oltre l-fatt illi s-socjeta' attrici hija debitrici tal-konvenut fis-somma ta' Dutch

Guilders 3126.81 ekwivalenti ghal cirka Lm500 ta' commissions dovuti lilu.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut.

Jesponi bir-rispett:

Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-merkanzija li kienet giet ordnata precedentement ghall-ordni li tifforma l-mertu tal-kawza attrici ma kienetx tal-kwalita' pattwita.

Illi fi kwalunkwe kaz ebda ammont ta' kummissjonijiet mhu dovut lill-konvenut kif qed jigi pretiz minnu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi skond il-ligi.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut rikonvenzjonat Ronald Urpani proprio et nomine.
Jesponi bir-rispett:

Peress illi l-konvenut rikonvenzjonat sofra danni minhabb s-socjeta' attrici u dan peress li s-socjeta' attrici kkonsenjat lill-konvenut

rikonvenzjonat ammonium bicarbonate li ma kienx tal-kwalita' pattwita u dan skond invoice numru 73019/0393.

Peress illi s-socjeta’ attrici kkonsenjat dan l-ammonium bicarbonate mhux ‘freeflowing’ kif pattwit kif ukoll mhux ippakkjat skond is-sengha u l-arti u dan kif jirrizulta mit-telex tal-atturi stess tat-23 ta’ Frar 1993 hawn anness u mmarkat bhala dokument A.

Peress illi l-konvenuti kienu lahqu hallsu l-partita fuq imsemmija ammontanti ghal Dutch Guilders 12,600.

Peress illi dan l-oggett ma kienx tal-kwalita’ pattwita u kellu jintrema' minhabba li kien jinstab fi stat deterjoranti kif gie certifikat minn Dottor George Peplow tal-Universita’ ta’ Malta skond dokument B.

Peress illi l-konvenut rikonvenzjonat sofra danni konsistenti fi hlas tal-prezz ta’ Dutch Guilders 12,600 kif ukoll l-interessi kalkolati mit-8 ta’ Lulju 1993 oltre t-telf ta’ profitt fuq il-konsenja fuq imsemmija.

Peress illi s-socjeta’ attrici hija debitrici wkoll tal-konvenut rikonvenzjonat fis-somma ta’ Dutch Guilders 3,126.81 ta’ kummissjonijiet dovuti lilu fuq bejgh antecedenti.

Peress illi s-socjeta’ attrici ghandha tirrifondi lill-konvenut rikonvenzjonat is-somma ta’ Dutch Guilders 12,600 kif ukoll ta’ kummissjonijiet ammontanti ghal Dutch Guilders 3126.81 kif jirrizulta mid-dokument C.

Peress illi l-konvenut rikonvenzjonat sofra danni ancillari konsistenti fi hlas ta' Lm85 lil Dottor George Peplow ghar-redazzjoni tar-rapport dokument B oltre t-telf ta' profitt fuq ir-rivendita tal-partita fuq imsemmija.

Jghid l-attur rikonvenzjonat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-partita ta' ammonium bicarbonate mibjugha skond invoice numru 73019/0393 datata 20 ta' Marzu 1993 ma kienetx tal-kwalita' pattwita stante li ma kienetx 'freeflowing' u per konsegwenza l-bejgh ghandu jigi ddikjarat null u rexiss.

2. Tikkundanna lis-socjeta' attrici tirrifondi lill-konvenut proprio et nomine s-somma ta' Dutch Guilders 12,600 ekwivalenti ghall-liri Maltin fid-data tas-sentenza dovuta minnhom bhala rifuzjoni tal-prezz ta' merkanzija ta' partita mhux tal-kwalita' pattwita kif fuq imsemmija u dan oltre l-imghax legali mit-8 ta' Lulju 1993.

3. Tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lill-konvenut proprio et nomine s-somma ta' Dutch Guilders 3126.81 ekwivalenti ghall-liri Maltin fid-data tas-sentenza bhala kummissjonijiet dovuti lilhom.

4. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-attur rikonvenzjonat huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut proprio et nomine konsistenti fin-

nuqqas ta' telf ta' profitt ghall-bejgh tal-partita skond invoice 73019/0393 kif ukoll ta' danni ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

5. Tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut rikonvenzjonat, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

6. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas dawn id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-attur rikonvenzjonat ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti, l-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat illi mill-provi jirrizulta pacifiku li s-socjeta' konvenuta ghamlet zewg ordnijiet minghand is-socjeta' attrici ta' merkanzija konsistenti f'kimika ta' Ammonium Bicarbonate Edible, igifieri:

i. ordni ta' 18-il kilo (Invoice no 73019/0393) ghall-prezz ta' Hfl 12,600 u dan fl-20 ta' Marzu 1993;

ii. ordni ta’ 50kg (Invoice numru 76914/0594) ghall-prezz ta’ Hfl 15,792 u dan fit-23 ta’ Mejju 1994.

Jirrizulta wkoll li dawn iz-zewg ordnijiet intbaghtu u gew ricevuti mill-konvenut nomine. Il-konvenut nomine hallas l-ammont kollu relativ ghall-ewwel ordni, pero’ ma hallas xejn tat-tieni konsenja u giet istitwita din il-kawza b’kontro-talba mill-konvenut nomine. S’hawn hemm qbil dwar il-fatti min-naha tal-partijiet.

Illi mill-provi ma jirrizultax li nqala’ xi tilwim jew nuqqas ta’ qbil fir-rigward tal-kontenut u kondizzjoni tat-tieni ordni. Bil-maqlub pero’, fir-rigward ta’ l-ewwel ordni, wara numru ta’ xhur li dina ghaddiet fil-pussess tal-konvenut nomine, u kien gja biegh parti zghira minnha, l-konvenut nomine beda jallega, kif ghadu jsostni, li din il-konsenja kienet diffettuza, u mhux tal-kwalita’ pattwita. Ghalhekk huwa zamm il-pagament kollu li suppost kellu jhallas dwar it-tieni konsenja (li kienet tajba) u dan biex jaghmel tajjeb ghal flus li kien gja' hallas ghaliha, ghad-danni li jghid li sofra konsistenti f’telf ta’ profitt u danni ohra mhux specifikati, interessi, kif ukoll kwantu ghal kummissjonijiet dovuti lilu in konnessjoni ma’ negozju iehor maghmul ma’ l-attur nomine li kienu jammontaw f’valuta Olandiza ghal Hfl 3126.81.

Illi dwar it-talba tas-socjeta’ attrici m’hemmx kwindi kwistjoni li l-ammont mitlub kien jirrespekkja x’kellu jhallas il-konvenut tal-konsenja li rcieva u jirrizulta li dan l-ammont ma thallasx. Ifisser ghalhekk li l-

indagni li tird issir minn din il-Qorti hija dwar il-kontro-talba tal-konvenut nomine.

Illi mill-provi jirrizulta sufficjentement li l-ewwel konsenja kienet difettuza. Apparti dak li xehdu Stephen Ronald Urpani u Ronald sive Ronnie Urpani, hemm ix-xhieda ta' Alfred Portelli u partikolarment ta' Dottor George Peplow li ma jhallu l-ebda dubju dwar il-fatt li l-merkanzija fuq imsemmija kellha tkun 'free-flowing' u ma kienetx u li l-"packing" taghha l-anqas ma kien sodisfacenti. Irrizulta inoltre li l-magazzinagg da parte tas-socjeta' konvenuta dejjem sar fl-istess post u bl-istess mod u ma giet prodotta l-ebda prova li b'xi mod turi li kien hemm xi htija, diretta jew kontributorja da parti tas-socjeta' konvenuta. Huwa minnu li Dottor Peplow gie mqabbad bhala espert tekniku <u>ex parte</u> pero' x-xhieda li ta ma gietx kontradetta. Jifdal ghalhekk il-kwistjoni konsegwenzjali, dwar danni reklamati mill-konvenut nomine.

ID-DANNI.

Il-konvenut nomine jallega li huwa gie li hallas 12,600 fjorini olandizi ta' merkanzija hazina, li huwa kellu jiehu kummissjonijiet minghand l-attur nomine ghall-ammont ta' 3,126 fjorini, u li sofra telf ta' profitt fuq l-ewwel konsenja li tvarja (skond iz-zewg xhieda rapprezentanti s-socjeta' konvenuta) minn 15% ghal 25%.

Illi mill-provi jirrizulta pero' li ghalkemm kien minnu li l-konvenut nomine hallas l-ammont ta' Hfl 12,600 li huwa pero' kien lahaq biegh lill-Consolidated Bisciuts ta' l-anqas tliet (3) tonnes mill-ghoxrin (20) li

kien ircieva u li fuq kalkolu maghmul mill-Qorti jekwivali ghal bejgh ta' madwar sitt mija u tletin (630) Hfl. Hu minnu li l-kumpannija Consolidated Biscuiets ilmentata miehgu ghal konsenja difettuza, pero' rifuzjoni tal-flus li hija hallset ma tirrizultax. Mela, dan ifisser li mill-ammont ta' Hfl 12,600, il-konvenut dahal f'bejgh, l-ammont ta' Hfl 630 u t-telf se' mai kien ta' Hfl 11,970. Issa l-konvenut nomine jsostni li huwa sofra telf ta' profitt fuq dan l-ammont fil-percentwali fuq imsemmija. Dana mhux korrett ghaliex meta l-konvenut nomine ghamel it-tieni ordni, ma hallasx taghha, biegha u ghamel profitt minnha, kien ifisser li dak li seta' tilef mill-ewwel ordni rrimpjazzah in loto bit-tieni ordni b'mod li gie li in realta' ma sofra xejn. Il-konvenut nomine ma jistax fl-istess waqt li jghid li ma hallasx tat-tieni ordni minhabba dak li sehh fir-rigward ta' l-ewwel ordni – cioe' rabat ordni m'ohra u b'hekk avanza talba rikonvenzjonali – jitlob ukoll telf ta' profitt bhal li kieku z-zewg ordnijiet kellhom jinzammu distinti 'l wahda mill-ohra. Kienet fuq din il-bazi li din il-Qorti accettat li tikkunsidra t-talba rikonvenzjonali ghax diversament kien ifisser li hawn si trattava ta' zewg fatti distinti u separati minn xulxin – kif fil-fatt sostniet is-socjeta' estera speditrici. Il-konvenut Ronald Urpani xehed fit-tul fis-seduta tat-3 ta' Frar 1997. F'parti mill-kontro-ezami li sarlu dakinhar (ara fol 54-55 tal-process) niltaqghu mas-silta li gejja li tiddimostra x'kienet sewwa sew il-posizzjoni,

"Re: Louis Cassar Pullicino, ghas-socjeta' attrici:

Inti mbaghad ghamilt ordni ohra u qed izomm il-pagament taghha"

Il-konvenut:

Le, immedjatament kif rajt li qed jirrifjutah il-klijenti, jien ergajt ghamilt 'repeat order'.

Re: Louis Cassar Pullicino:

Biex tirrimpjazza dik il-konsenja".

Il-konvenut nomine wera wkoll, bla ma gie kontradatt, li huwa kellu jiehu minghand l-attur nomine s-somma ta' Hfl 3,126 ta' kummissjonijiet – din il-pretensjoni ma gietx kontradatta jew michuda u hija dovuta fl-ahharnett, il-konvenut nomine hallas is-somma ta' hamsa u tmenin lira Maltin (Lm85) lill-espert tekniku li qabbad biex juri d-difetti minnu riskontrati – ara d-dokument esebit a fol 19. Dan kollu jfisser li bhala danni l-konvenut nomine in realta' sofra li gej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| i. | Hlas li effettwa dwar l-ewwel konsenja u li baqa' ma bieghx : | | |
| | | | Hfl 11,970; |
| ii) | Kommissjonijiet dovuta lilu | | Hfl 3,126 |
| | | Total | Hfl 15,096 |
| iii. | somma fi flus Maltin li hallas lill-espert tekniku | | Lm85 |

L-attur nomine pprova li huwa kellu jithallas l-ammont ta' Hfl 15,792 li baqa' ma thallasx.

Mela dan ifisser li, apparti l-Lm85 dwar l-espert tekniku, hemm skoperti favur l-attur nomine Hfl 696 igifieri:

Hfl 15,792.00 reklamati mis-socjeta' attrici nieqes
Hfl 15,096.00 dovuta lill-konvenut nomine
Bilanc Hfl 696.00

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, kif ukoll il-kontro-talba tal-konvenut limitatament u fit-terminu kif elaborati fil-korp ta' din is-sentenza u tikkundanna ghalhekk lill-konvenut ihallas lill-attur nomine l-ekwivalenti fi flus Maltin tas-somma Hfl 696 wara li jiddeduci minn dana l-ammont is-somma ta' Lm85 (hamsa u tmenin lira Maltin) dovuta lill-konvenut nomine.

Tenut kont tas-suespost, hemm lok ta' temperament fil-kap ta' l-ispejjez. L-ispejjez relativi ghat-talba attrici jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, dawk relativi ghall-kontro-talba jithallsu mis-socjeta' attrici biss.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AH